

Brussell, 17 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7128/25

FIN 308

NOTA PUNT "I"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru. dok. preċ.:	6240/25
Suġġett:	Stimi tal-infiq u d-dħul għas-sena finanzjarja 2026 (Taqsimha II - II-Kunsill Ewropew u I-Kunsill) – <i>Approvazzjoni</i> – <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

1. Fl-4 ta' Marzu 2025, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill baġhat l-abbozz ta' stimi tal-infiq u d-dħul għas-sena finanzjarja 2026 (Taqsimha II - II-Kunsill Ewropew u I-Kunsill) lill-Kumitat tal-Baġit, kif irreġistrat fid-dokument 6240/25.
2. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-abbozz ta' stimi fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Marzu 2025.
3. Huwa qabel li jirrieżamina dawn l-istimi fi stadju aktar tard meta jkun qed iħejji għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit għall-2026. Abbozz ta' dikjarazzjoni jinsab fl-ANNEX 1.

4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti:

- japprova l-istimi tal-infiq u d-dħul għas-sena finanzjarja 2026 (Taqsimi II - Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill), kif jinsabu fid-dokument 6240/25;
- idaħħal fil-minuti tiegħu l-abbozz ta' dikjarazzjoni li jinsab fl-ANNEX 1;
- japprova l-abbozz ta' ittra lill-Kummissjoni li jinsab fl-ANNEX 2.

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL GĦALL-MINUTI TAL-COREPER

"L-istabbiliment tal-istimi tal-Kunsill Ewropew u l-Kunsill għas-sena finanzjarja 2026, li għandhom jiġu inklużi fl-abbozz ta' baġit ippreżentat mill-Kummissjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 314(1) TFUE, huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit tal-Kunsill Ewropew u l-Kunsill li għandha tiġi adottata f'konformità mal-Artikolu 314(3) TFUE. Il-Kunsill ser jadotta l-pożizzjoni tiegħu billi jirrieżamina l-istimi, inkluż billi jieħu kont ta' elementi ġodda possibbli wara l-istabbiliment ta' dawn l-istimi u l-approċċ orizzontali rigward l-infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet."

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti

lil: President tal-Kummissjoni

Sinjura,

Illum il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-istimi tal-infiq u d-dħul għas-sena finanzjarja 2026 (Taqsimha II - Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill)¹ għall-inklużjoni fl-abbozz ta' baġit għall-2026.

(Formula ta' għeluq)

¹ Dokument 6240/25.